MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 382/2006/2

**L-Awtorita` Marittima ta' Malta**

**v.**

**Sea Malta Company Limited bhala proprjetarja tal-bastimenti MV Maltese Falcon u MV Zebbug**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-Awtorita` attrici fit-3 ta' Mejju 2006, li jaqra hekk:

"Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma s-segwenti fatti li jaf bihom personalment:

“1. Illi s-socjeta` intimata hija debitrici versu r-rikorrent ghall-hlas dovut ghas-servizzi rezi minnha tul l-ahhar snin;

“2. Illi ghal dawn l-istess servizzi wara li debitament inhargu l-*invoices* necessarji u wara li giet interpellata s-socjeta` intimata sabiex taddivjeni ghal hlas, l-Awtorita` rikkorrenti baqghet ma thallsitx;

“3. Illi s-socjeta` intimata bhalissa hija sid taz-zewg bastimenti MV Maltese Falcon (IMO Number 7705714) u MV Zebbug (IMO Number 7026613) liema bastimenti huma rregistrati taht ir-registru merkantili Malti;

“4. Illi bosta minn dawn is-servizzi illi ghalihom ma sar ebda hlas gew prrestati lill-imsemmija batimenti. Uhud minn dawn is-servizzi igawdu privilegg specjali (ai termini tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili Kap. 234) fuq l-imsemmija bastimenti;

“5. Illi t-talba ghal hlas qed tigi limitata sabiex jigu kkanonizzati dawn id-djun li ghandhom privilegg specjali fuq l-imsemmija bastimenti;

“6. Illi l-ammonti dovuti bhala servizzi privileggjati illi gew rezi lil bastimenti msemmija mill-Awtorita` Marittima huma s-segwenti

“Lm240,959.35 a rigward tas-servizzi resi lil MV Zebbug
Lm438,495.23 a rigward tas-servizzi resi lil MV Maltese Falcon

“u dana kif spjegat fil-prospett anness bhala Dok ‘A’ *animo ritirandi.* L-istess prospett huwa estratt ta’ *breakdown* ta’ ammonti dovuti mis-socjeta` intimata ppreparat mill-Awtorita` rikorrenti u anness bhala Dok ‘B’ *(animo ritirandi).*

“Ghaldaqstant, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tisma’ u tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli

167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u:

“(i) Tiddikjara illi s-socjeta` intimata Sea Malta Company Limited hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti ghas-segwenti ammonti; (a) mitejn u erbghin elf, disa’ mija u hamsa u disghin Lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm240,959.35) fil-konfront ta’ servizzi pprestati lil bastiment MV Zebbug (b) erba’ mija u tmienja u tletin elf, erba’ mija u hamsa u disghin Lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm438,495.23) fil-konfront ta’ servizzi pprestati lil bastiment MV Maltese Falcon.

“(ii) Tikkundanna lill-intimata Sea Malta Company Limited thallas lill-Kumpanija rikorrenti l-imsemmija sommom ta’: (a) mitejn u erbghin elf, disa’ mija u hamsa u disghin Lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm240,959.35) fil-konfront ta’ servizzi pprestati lil bastiment MV Zebbug (b) erba’ mija u tmienja u tletin elf, erba’ mija u hamsa u disghin Lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm438,495.23) fil-konfront ta’ servizzi pprestati lil bastiment MV Maltese Falcon.
“Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota pprezentata mis-socjeta` konvenuta fit-13 ta’ Ottubru 2006 li biha ammettiet it-talbiet ghal dak li jirrigwarda l-meritu, izda rrizervat il-posizzjoni taghha dwar l-ispejjez;

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta’ Dicembru 2006 (fol. 158), mizmuma quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-istess Qorti ordnat li l-kawza timxi bi procedura ordinarja u tat lill-konvenuta zmien ghoxrin jum biex twiegeb ghat-talba tal-attrici fil-forma li trid il-ligi; dan id-digriet inghata wara li l-Qorti rrilevat illi sabiex ikun hemm decizjoni dwar min ghandu jehel l-ispejjez, jehtiegilha tisma’ provi dwar jekk il-konvenuta kienitx imsejha taghraf id-dejn qabel ma nfethet il-kawza, u dwar jekk fil-kaz li saret dik is-sejha wrietx disponibbilita` li taghmel hekk;

Rat li, wara dan id-digriet, is-socjeta` konvenuta baqghet ma ressqet ebda risposta guramentata in kontestazzjoni tat-talbiet attrici, izda fit-2 Jannar 2007 (fol. 160), ipprezentat biss nota spjegattiva tal-posizzjoni taghha;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2007 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

".........fuq ammissjoni tal-konvenuta, tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-attrici mitejn u erbghin elf, disa' mija u disgha u hamsin Lira u hamsa u tletin centezmu (Lm240,959.35), u erba' mija u tmienja u tletin elf, erba' mija u hamsa u disghin Lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm438,495.23), flimkien ma' l-imghaxijiet relattivi mid-data ta' kull fattura sa meta jsir il-hlas, u tikkundanna lill-Awtorità attrici thallas l-ispejjez kollha tal-kawza."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"L-Awtorità attrici talbet il-hlas ta' mitejn u erbghin elf, disa' mija u disgha u hamsin Lira u hamsa u tletin centezmu (Lm240,959.35) ghal servizzi li tat lil M.V. Zebbug, tas-socjetà konvenuta, u erba' mija u tmienja u tletin elf, erba' mija u hamsa u disghin Lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm438,495.23) ghal servizzi li tat lil M.V. Maltese Falcon, ukoll tal-konvenuta.  Talbet ukoll l-imghax u l-ispejjez.

"L-attrici talbet ukoll illi l-kawza tinqata' bid-dispensa tas-smiegh, taht il-procedura sommarja specjali.  B'nota tat-13 ta' Ottubru 2006[1] is-socjetà konvenuta ammettiet it-talbiet tal-attrici, hlief it-talba ghall-ispejjez, u talbet illi tithalla tikkontesta din l-ahhar talba.  Billi l-konvenuta wriet ragunijiet tajba ghall-kontestazzjoni, il-Qorti ordnat illi l-kawza timxi bil-procedura normali u l-konvenuta ressqet l-eccezzjoni illi ma ghandhiex tehel l-ispejjez tal-kawza ghax is-socjetà hija fi stralc, u l-istralcjarji, waqt illi ammettew illi s-socjetà ghandha taghti daqskemm

[1] *Fol*. 152.

qieghda titlob l-awtorità attrici, ma jistghux ihallsu ghalissa, qabel ma ssir il-gradwazzjoni tal-kredituri. Ghalhekk il-kawza saret ghalxejn.

“Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-eccezzjoni hija tajba.

“Qabel ma fethet il-kawza fit-3 ta’ Mejju 2006, l-Awtorità attrici kienet ghamlet talba ghall-hlas b’ittra ufficjali tat-23 ta’ Marzu 2006[2]. Il-konvenuta wiegbet b’ittra tat-30 ta’ Marzu 2006[3] u ammettiet it-talbiet (hlief ghal partita wahda li ma hijiex parti mill-meritu tal-kawza tal-lum). Tassew illi l-ammissjoni saret “*subject to appropriate reconciliation*”, izda din hija kwistjoni ta’ matematika li ma jidhirx li giet indirizzata qabel ma l-attrici fethet il-kawza.

“Kif tistqarr l-attrici stess fir-rikors, il-kreditu taghha huwa mhares bi privilegg specjali, u ghalhekk ma jidhirx li kienet sejra ggarrab xi pregudizzju sostanzjali fil-gradwazzjoni li kieku ma fethitx il-kawza b’daqshekk heffa.

“Il-Qorti ghalhekk taqbel mal-konvenuta illi l-kawza kienet ghall-inqas intempestiva, u ma jkunx xieraq illi l-konvenuta tehel spejjez illi l-attrici setghet evitathom.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita` attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

“......tirriforma s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta’ Ottubru 2007 fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ordnat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attrici mitejn u erbghin elf, disa’ mija u disgha u hamsin Lira u hamsa u tletin centezmu (Lm240,959.35) u erba’ mija u tmienja u tletin elf, erba’ mija u hamsa u disghin Lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm438,495.23) flimkien ma’ l-imghaxijiet relattivi mid-data ta’ kull fattura sa meta jsir il-hlas, tirrevokaha fir-rigward tal-kap tal-ispejjez fejn ikkundannat lill-awtorita` attrici thallas l-ispejjez kollha tal-

---

[2] *Fol*. 163.

[3] *Fol*. 161.

kawza u minflok tikkundanna lill-appellata thallas hi l-ispejjez tal-kawza."

Rat li fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2009 mizmuma quddiem din il-Qorti, id-difensuri tal-partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza s-socjeta` attrici talbet kanonizzazzjoni tal-krediti li pprentendiet li ghandha fuq il-bastimenti MV Maltese Falcon u MV Zebbug li kienu proprjeta` tal-kumpanija Sea Malta Co. Ltd. Din il-kumpanija ammettiet it-talba kif dedotta quddiem dawn il-qrati, pero` kkontestat l-ispejjez tal-kawza peress li qieset li din il-kawza saret ghal xejn ghax id-dejn kien minn dejjem ammess. L-ewwel Qorti, wara li qieset li s-socjeta` konvenuta kienet resqet "eccezzjoni" illi ma ghandiex tehel l-ispejjez, ordnat li l-ispejjez jithallsu mill-Awtorita` attrici, peress li l-kontestazzjoni li saret wara talba interpellatorja tramite Ittra Ufficjali "hija kwistjoni ta' matematika" u ma kelliex taghti lok ghal din il-kawza.

L-Awtorita` attrici appellat u qalet li kien necessarju li tinfetah din il-kawza biex tipprotegi l-kreditu taghha.

Din il-Qorti tibda biex tghid li taqbel mal-ewwel sottomissjoni tal-Awtorita` attrici li, fil-verita` l-kumpanija konvenuta ma ressqet ebda risposta guramentata jew "eccezzjoni" biex tikkontesta l-pretensjoni attrici, u kwindi waqghet kontumaci. Ghamlet zball, kwindi, l-ewwel Qorti meta qalet li l-konvenuta "ressqet eccezzjoni". Min-naha l-ohra, din il-Qorti tirrileva wkoll li l-kontumacja hija kontestazzjoni, u mhux ammissjoni tad-dejn. Issa, f'dan il-kaz, il-konvenuta ammettiet il-meritu, izda kkontestat l-ispejjez, u allura xorta jibqa' obbligu tas-socjeta` attrici li tipprova l-pretensjoni taghha li tithallas l-ispejjez tal-kawza. Kwindi, ghamlet sew l-ewwel Qorti li ezaminat l-atti biex tara jekk is-socjeta` attrici kienitx gusta f'din il-pretensjoni taghha.

Wara li din il-Qorti ezaminat hi wkoll l-atti tal-kawza, issib, bir-rispett kollu dovut lejn l-ewwel Qorti, li ma tistax taqbel mal-analazi li ghamlet fis-sens li l-kontestazzjoni kienet biss kwistjoni ta' matematika.  Wara l-Ittra Ufficjali tal-Awtorita` attrici, il-kumpanija konvenuta wiegbet mhux biss li l-ammonti reklamati ma kienux kontestati *"subject to appropriate reconciliation"*, izda kkontestat ukoll *item* partikolari bhala li mhux dovut minnha; fi kliem iehor ikkontestat il-quantum tal-pretensjoni attrici, u li hi ma kelliex twiegeb ghall-parti mill-istess.  Jirrizulta wkoll mhux kontradett li, wara illi saret *reconciliation,* l-avulat tal-Awtorita` attrici gie nfurmat mir-rapprezentant tal-istralcarji tal-kumpanija "illi ma kienx hemm qbil fuq l-ammonti reklamati mill-Awtorita`."  Oltre dan, l-Awtorita` attrici saret taf li l-bahhara fuq l-imsemmija vapuri kienu fethu kawza kontra l-istess kumpanija konvenuta biex jissalvagwardaw l-interessi taghhom.  L-Awtorita` attrici, biex ma ssibx ruhha *"left in the lurch"* sakemm jinbdew il-proceduri ta' bejgh bis-subasta tal-vapuri, talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandati kawtelatorji li, biex ikunu efikaci, kellhom jigu segwiti b'din il-kawza.

Kwindi, specjalment fid-dawl tal-posizzjoni li hadet il-kumpanija konvenuta wara l-Ittra Ufficjali tal-Awtorita` attrici, ma jistax jinghad li din il-kawza saret ghal xejn, u kwindi l-istess awtorita` m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-awtorita` attrici, billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens biss li tirrevokaha fir-rigward tal-kap tal-ispejjez fejn ikkundannat lill-awtorita` attrici thallas l-ispejjez kollha u minflok tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-kumpanija konvenuta, u tikkonferma s-sentenza appellata ghall-bqija.

L-ispejjez tal-kawza, anke f'din it-tieni istanza, jithallsu mill-kumpanija konvenuta appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------